Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 204/2018

Il-Pulizija

Vs

Luke Azzopardi

Illum 27 ta Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Luke Azzopardi detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 2888M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-3 ta' Dicembru 2014, ghall-habta ta' 01:00am fl-inhawi tal-Imgarr ikkaccja jew prova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attività ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew prova jiehu xi ghasfur waqt l-istagun maghluq ghat-tehid ta' ghasafar kif jista' jigi permess skont dawn ir-regolamenti.

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' regolament 27 tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S. 504.71), barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni jew ir-revoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti

dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu applikabbli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 7(1)(d), 18(1)(c) tal-L.S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu b'multa ta' €700 u kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ghal sentejn.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Luke Azzopardi, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instabet htija fuq l-ewwel akkuza u thassarha u tirrevokaha billi tillibera lill-appellanti mit-tieni akkuza.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Luke Azzopardi huma s-segwenti u cioe`:-

1. L-ewwel akkuza dwar il-'bird caller' hija ammessa;

2. Illi bid-dovut rispett it-tieni akkuza assolutament ma rrizultatx u l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija dwarha. Illi mill-provi rrizulta li <u>a.</u> l-esponenti kien rieqed fil-kamrin tieghu; <u>b.</u> il-hin kien fis-1.00am ossia hin li fih ma jsirx insib, <u>c.</u> ma kien hemm xejn bhal xbieki, gabjetti b'ghasafar etc fiz-zona li b'xi mod seta' jigi kkonstatat li qed isir insib u <u>d.</u> kien hemm 'bird caller' mixghul. Illi b'cirkostanzi bhal dawn l-esponenti bid-dovut rispett m'ghandux spjegazzjoni dwar kif l-Ewwel Qorti setghet issib htija tat-tieni akkuza;

*Di piu*, wiehed irid jara l-affidavit esebit ta' PC 979 Daniel Mohr li meta kellem lill-imputat dan jghid li ntqal "… sabiex filghodu jmur jonsob" [*tieni para. raba' linja mill-*

*ahhar*] u cioe`, l-esponenti jikkontendi bir-rispett li jekk xejn dak li qal l-imputat juri li r-reat li jinsab akkuzat bih mhux talli qatt ma kien ikkunsmat, talli kien ghadu biss fil-hsieb. Illi issa huwa bid-dovut rispett elementari li l-hsieb wahdu minghajr 'actus reus' ma jista' qatt iwassal biex tigi misjuba htija ta' xi reat. Illi ghalhekk ukoll l-esponenti jikkontendi b'rispett li huwa kellu jigi lliberat minn dina t-tieni akkuza.

Rat l-affidavit ta **PC 1136 Nathan Joseph Cini** u dan spjega li nhar it-3 ta' Dicembru 2014, il-pulizija tad-distrett giet infurmata minn membru tal CABS ili fl-akwati tal-Imgarr ta San Martin kienhemm xi 'bird callers' li kienu mixghula. Ghalhekk huwa flimkien ma PC 979 iltaqghu mal-membri tal-CABS, fejn wara ronda fl-akwati gew qrib hafna ta' dan il-'bird caller'.

Huwa flimkien ma PC 9979 talbu lil membri tal-CABS biex jsitennew il-barra mill-ghalqa. Meta marru fejn il-kamra ta' hdejn il-mansab , minn go fih kien jinstema il-*bird caller* izda ma seta' jigi innutat hadd, izda fil-qirb kien hemm vettura. Wara li identifikaw ruhhom ghal diversi drabi billi ghajtu barra il-kamra, hareg Luke Azzoaprdi. Luke kien libes biss hwejjeg ta' taht tax-xitwa gol- karma kien hemm sodda. Meta gie mistoqsi dwar il-*bird caller* li kien qed jinstema fil-mansab dan qalilhom ezatt fejn kien u zied ighilhom ukoll li kien hallih mixghul biex filghodu iqum jonsob. Huma elevaw dan l-istess bird caller illi kien jikkonsisti minn batterja u speaker iswed. Luke Azzopardi gie mghoti ricevuta tal-affarijet li gew elevati.

Ra ukoll l-affidavit ta PC 979 Daniel Mohr esebit fl-atti a fol 23. Jghid li nhar it-3 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta tas-1.00a.m waqt li kien xoghol fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra dahlet telefonata minghand certu Axel Hirchfield fejn stqarr li huwa kien gewwa l-akwati ta' San Martin u kien qed jisma xi bird caller gewwa l-ghelieqi. Huwa flimkien ma PC 1136 marru minnufih sabeix jiltaqghu mal-kwerelanti sal-post fejn huwa indika li kien qed jisma' l-bird caller.

Huwa flimkien ma PC 1136 semghu l-oggett idoqq u dahlu go dura fejn sabu lil certu Luke Azopardi fejn dan stqarr li l-bird caller kien tieghu u kien hallih mixghul matul il-lejl waqt li huwa kien rieqed sabiex filghodu imur jonsob. Huma talbu d-dettalji tieghu, cempel l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra sabiex jikkonfema l-identita'

tieghu u meta raw li qablu talbuh biex imur maghhom l-ghassa l-Qawra u jigi mitkellem. Il-Bird caller gie kkonfiskat u Azzopardi ingahta ricevuta tal-imsemmi oggett.

Semghet lil **Fiona Burrows** tixhed bil-ligwa Ingliza tradotta ghall-ligwa Maltija mil-Qorti nhar it-23 ta' Ottubru, 2018. Spjegat illi nhar it-3 ta' Dicembru ,2014 hija kienet ma kollega taghha fl-inhawi ta' San Martin limiti ta' l-Mgarr jipprova isegwu l-hsejjes kagunati minn *bird caller*. F'daqqa u l-hin semghu li kienu fil- vicinzni u ghalhekk cemplu lill-pulizija tad-distrett sabiex jghatuhom l-ghajnuna. Dawn waslu ftit wara u idderigu lill-pulizija ghal min fejn kien gej il-hoss. Huma pero' ma marrux fil-vicin u ghalhekk ma raw lil hadd u ma jistghu jidentifikaw lil hadd bhala l-persuna li kellu l-*bird caller*. Wara ftit il-pulizja gew lura u qalulhom li kienu sabu l-*bird caller* u li kienu ser johorgu l-akkuzi relattivi fil-konfront ta' persuna partikolari. Il-pulizija damu xi ghoxrin minuta biex waslu fuq il-post .

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tt-23 ta Ottubru 2018.

Ikkusnidrat.

Illi l-fatti fil-qososr kienu is-segwenti.

1. Illi rappresentanti tal CABS u appuntu cetru Axel Hirchfield (li lanqas xehed f'dawn il-proceduri) allegatament irraporta li kien qed issr kacca ilegali u kien hemm bird caller gewwa xi ghelieqi fiz-zona ta' San Amrin u dan fit-3 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-1.00a.m.

2. Illi PC 1136 flimkien ma PC 979 marru fuq l-post indikat lilhom u hemmhekk sabu lill-appellant rieqed go dura bil-hwejjeg ta' taht u fil-vicinanzi kien hemm *bird caller* mixghul.

3. Illi Luke Azzopardi ammetta li il-*bird caller* kien tieghu u li kien hallih mixghul peress li l-ghada kellu l-hsieb imur jikkaccja.

4. Illi fuq il-post l-pulizja sabu biss bird caller li allegatament giet elevat izda ma sabu xejn li ghandhu x'jaqsam ma kacca illegali u cioe' la sabu xbieki, gabbjetti u lanqas xi ghasafar.

Ikkunsidrat,

L-appellant isostni fir-rikors tal-appell tieghu li l-ewwel Qorti ma ghamiltx apprezzament tajjeb tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati tat-tieni akkzua stante li l-ewwel akkzua hija ammessa. Dwar dan ix-xorta ta' aggravju huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jekk din il-Qorti, iżda, tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konklużjoni.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti essenzjali ta' dan il-każ li huma dawk rapportati aktar 'il fuq f'din issentenza[1] u fihom jikkonsisti sostanzjalment il-każ tal-prosekuzzjoni.

Illi l-appellant irregistra ammissjoni dwar l-ewwel akkuza u cioe' dwar l-pussess tal-*bird caller* giet ammessa minnu u ghalhekk ma hemmx wisq x jinghad f'dan ir-rigward.

Dwar it-tieni akkzua u cioe' li pprova jiehu ghasfur waqt l-istagun imaghluq l-appellant isostni li ghandu jigi liberat ghaliex fil-fatt ma hemm l-ebda prova li huwa kien qed jikkaccja. Il- prosekuzzjoni ma sabet xejn konness ma kacca illegali. Kull ma kellha kien dak li stqarr l-appellant stress li qal li l-ghada kien bi hsiebu imur ghall-kacca. Ghalhekk sa dak il-hin l-appellant kellu biss l-intensjoni kriminuza li jikkaccaja izda ma hemmx l-*actus reus* tar-reat ghaliex kacca m'ghamilx. Zgur li ma jistax jinghad li in effetti ir-reat in dsamina gie konsmat. Lanqas ix-xhud tal- CABS li xehdet u cioe' Fiona Burrows ma qalet li kien hemm persuna qed tikkaccja illegali qalet biss li semghet '*bird caller*' mixghul u fil-fatt ix-xhieda taghha hija koncentrata fuq dan il-fatt biss.

[1] Fol. 4 tas sentenza

Tenut kont ta' dan l-istat tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li dawn ma kienux tali li wieħed seta' raġonevolment jasal għall-konklużoni li ġiet pruvata mingħajr dubbju dettat mir-raġuni l-ħtija tal-appellant għat-tieni imputazzjoni. Ma tirriżulta ebda prova li l-imputat dakinhar kien f'xi ħin fil-pussess ta' xi senter jew arma tan-nar oħra. Anzi ghad-dirittura jirrizutla li dak il-hin li marru l-pulizija l-appellant kien rieqed fid-dura libes hwejjeg ta' taht. Għalhekk fiċ-ċirkustanzi li rriżultaw ma jistax jingħad li ġie pruvat li dik il-persuna ikkaċċjat jew li ppruvat tikkaċċja jew li ħadet jew ippruvat tieħu xi għasfur.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant billi qed tirriforma is-sentenza tal-ewwel Qorti billi qeghda tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u qieghda thasarha fir-rigward fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza u minflok qieghda tiliberah minnha.

Dwar il-piena ghalhekk din il-Qorti sejra wkoll tordna modifika ta' l-sitess stante li sabitu hati biss ta' akkuza wahda u ghalhekk ser tvarja il-piena inflitta fir-rigward tal- quantum tal-multa. Kif ukoll fir-rigward tas-sospenzjoni tal-licenzja tal-kacca.

Din il-Qorti ghalhekk rat dak li jiddisponi r-Regolament 7(2), ta' L.S. 504.71 u wara li tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza fuq ammissjoni teighu stress qed tikkundanna lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt euro (€300). Oltre dan qed tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat l-iskwlaifika tal-licenzja tal-kacca ghal perijodu ta' sentejn.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur